MALTA

ATT Nru. III ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala.

ACT No. III of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Guest Houses and Holiday Furnished Premises Act, 1974.

Nagħti l-kunsens tiegħi

(L.S.)

AGATHA BARBAR
President

17 ta' Jannar, 1986

ATT Nru. III ta' l-1986

***ATT** biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar il-Guest Houses u Postijiet **Furnished** għall-Btala.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Att Nru. XIV ta' l-1974

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-turismu jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira ta' "*guest house*" minflok il-kliem "xi lukanda jew alloġġ" għandhom jidħlu l-kliem "xi lukanda, *hostel* jew alloġġ";

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "diriġent ta' post għall-btala" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*hostel*" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel;";

(ċ) fit-tifsira ta' "dar" minnufih wara l-kelma "lukanda," għandha tidħol il-kelma "*hostel*"; u

(d) fit-tifsira ta' "*lodging house*" minnufih wara l-kliem "***guest house***" għandha tidħol il-kelma "*hostel*".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "lill-Organizzazzjoni tat-Turismu Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu"; u

(b) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu" tfisser l-organizzazzjoni mwaqqfa taħt dak l-isem bl-Att ta' l-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu.".

Att. XXI ta' l-1984

Emenda ta' l-artikolu 11A ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 11A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kliem "lill-Organizzazzjoni tat-Turismu Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu"; u

(b) minflok is-subartikolu (6) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "Organizzazzjoni tat-Turismu Nazzjonali" tfisser l-organizzazzjoni mwaqqfa taħt dak l-isem bl-Att ta' l-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu.".

Żieda ta' artikolu ġdid 16 ma' l-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej:

"L-Att ta' l-1957 dwar il-*Probation* ta' Ħatjin, ma japplikax, Att Nru. XII ta' l-1957

16. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1957 dwar il-*Probation* ta' Ħatjin ma japplikawx dwar reati taħt l-artikoli 4, 5, 10 u 11A ta' dan l-Att u dwar xi ksur ta' xi regolament magħmul taħt l-artikolu 12 ta' dan l-Att.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 315 tat-13 ta' Jannar, 1986.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati